**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Abukar Hassan Osman**

**Kumpilazzjoni 168/2020**

**Illum, 26 ta' Frar 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **"Abukar Hassan Osman, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0048743A.**
>
> Billi int akkuzat talli nhar l-20 ta' Marzu 2020 ghall-habta tal-ghaxra u hames minuti ta' filghaxija (22:05hrs) wat li kont fi Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa:

1. Ikkommettejt serq ta’ vettura tal-ghamla Toyota Ractis ta’ lewn abjad bin-numru ta’ registrazzjoni GBI 862, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li kien izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta’ Alan Harmsworth, Francis Xavier Mary Harmsworth u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi, bil-hsieb biss li jaghmel uzu temporanju mill-vettura tal-ghamla Toyota Ractis ta’ lewn abjad bin-numru ta’ registrazzjoni GBI 862 ghamilt dan minghajr ma kellek kunsens tas-sid tal-imsemmija vettura;

3. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-20 ta’ Marzu 2020 u l-21 ta’ Marzu 2020 f’dawn il-gzejjer, soqt vettura tal-ghamla Toyota Ractis ta’ lewn abjad bin-numru ta’ registrazzjoni GBI 862 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mahruga minn Transport Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura;

4. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-20 ta’ Marzu 2020 u l-21 ta’ Marzu 2020 f’dawn il-gzejjer, soqt vettura tal-ghamla Toyota Ractis ta’ lewn abjad bin-numru ta’ registrazzjoni GBI 862 minghajr ma kien kopert b’ polza tas-sigurta’ dwar riskji ghal terzi persuni;

5. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-20 ta’ Marzu 2020 u l-21 ta’ Marzu 2020 f’dawn il-gzejjer, soqt vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota Ractis ta’ lewn abjad bin-numru ta’ registrazzjoni GBI 862, b’mod perikoluz, bla kont u traskurat.

> Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
>
> Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-Ligi, tiskwalifika lil imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak it-tul ta’ zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.”

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tat-13 ta’ Jannar 2021 ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skont il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset illi fl-istess udjenza l-imputat rega’ ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata zmien biex jerga’ jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u ikkonferma li fehem sewwa n-natura u l-gravita` ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, setghet iggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u konsegwentament tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena idoneja fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u in partikolari s-segwenti fatturi u cioe`: (a) In-natura u gravita' tar-reati addebitati lill-imputat u li ghalihom l-imputat ammetta; (b) L-ammissjoni bikrija tal-imputat; (c) Il-fedina penali netta ta` l-imputat; u (d) Il-kollaborazzjoni shiha tal-imputat mal-Pulizija u (e) Il-fatt illi l-imputat irritorna l-vettura misruqa lis-sid.

Konsegwentement, il-Qorti tqis illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz piena ta' prigunerija effettiva ma hiex idoneja.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(a) (b) (f) (g), 263 (a), 265, 267, 270, 271 (g), 273 (3), 279 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 15 (1) (a) (3) u 61 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum u ai termini ta' l-Artikolu 412 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ukoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Il-Qorti qeghda tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Dipartment tal-Probation u Parole.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma esebitx il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, l-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur